



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Jannar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0219 (APP)

13255/1/20
REV 1

GAF 66
FIN 889
CADREFIN 390

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jestendi għall-Istati Membri mhux
parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u
taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027
(il-programm "Pericles IV")

⁺ Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS
...(2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-
Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

REGOLAMENT TAL-KUNSILL(UE) 20../....

ta'

**li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni
tar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ
għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027
(il-programm “Pericles IV”)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

⁺ Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

¹ Approvazzjoni ta' (għadha m'hiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru.../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”) li japplika fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati. L-Artikolu 139 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro msemmija fl-Artikolu 133 tiegħu m'għandhomx japplikaw għall-Istati Membri b'deroga.
- (2) Madankollu, l-iskambju tal-informazzjoni u l-persunal u l-miżuri ta' assistenza u taħriġ implimentati taħt il-programm Pericles IV jenħtieġ li jkunu uniformi fl-Unjoni kollha. Għaldaqstant, jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni għall-euro fl-Istati Membri fejn il-euro mhijiex il-munita uffiċjali tagħhom.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni tal-programm Pericles IV biex dan jibda mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika, b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

¹ Regolament (UE) .../.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”) (ĠU L, ..., p.)

Artikolu 1

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../...⁺ għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li mhum iex l-Istati Membri parteċipanti kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98¹.

Entitajiet minn dawk l-Istati Membri għandhom jitqiesu eliġibbli għal finanzjament meta dawn ikunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../....⁺.

⁺ Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)).

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
